DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 190624** **26.03.2019**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi, Julia Farrugia Portelli ppreżentat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, dokument ta' konsultazzjoni dwar rappreżentanza ugwali tal-ġeneru fil-Parlament ta' Malta.

Is-Segretarju Parlamentari Farrugia Portelli irreferiet lill-Ispeaker Farrugia għal waħda mir-rakkomandazzjonijiet tad-dokument li jitkellem dwar it-twaqqif ta' kummissjoni li tiġi mwaqqfa mis-Sedja li l-għan tagħha jkun li tfassal pjan strateġiku biex fost affarijiet oħra, tinħoloq kuxjenza dwar il-ħtieġa ta' mainstreaming tal-ġeneru fil-liġijiet u l-policies kollha. B'hekk il-Membri Parlamentari fuq il-back bench ikollhom l-opportunità li b'mod volontarju jagħżlu li jaħdmu full-time u fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Venezja, li l-Membri Parlamentari nisa jkollhom rappreżentanza xierqa fil-Kumitati Parlamentari kollha u li l-Parlament joffri servizz ta' child care.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia rringrazzja lis-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli u nformaha li huwa kien se jkun qed iqiegħed id-dokument ta' konsultazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt